**24 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Frances Falzon

*versus*

Gaetano Spiteri et.

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Korrezzjoni — Art. 155(1), 792(c) u 175 tal-Proċedura Ċivili.**

*Iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha mfissra ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Il-vjolazzjoni ta' dan il-preċett mhux kolpit b'nullità, jekk id-difett ikun jista' jissewwa mingħajr preġudizzju tal-parti l-oħra; imma jekk il-kawżali ma tkunx tista' tissewwa mingħajr preġudizzju tal-konvenut eċċipjenti, l-istess hija nulla.*

*Huwa veru li l-Qorti tista' tippermetti l-korrezzjoni tal-atti ġudizzjarji, imma dan jista' jsir meta l-korrezzjoni ma taffettax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet.*

*Il-kawżali espressa bil-kliem "u għal kwalunkwe raġuni valida fil-liġi" hija tali li ma tistgħax tissewwa, u għandha tiġi annullata.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-attriċi, b'istanza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, talbet l-iżgumbrament tal-konvenut Spiteri mill-fond flat 7 Southsea House, 133 Tower Road, Sliema, mħabba morożità ta' dan fil-ħlas tal-kera; u peress li fil-kors ta' din il-proċedura, u preċiżament fil-25 ta' Novembru 1960, il-konvenut Wilfred Podestà nomine ħareġ Requisition Order numru 16031 fuq il-post imsemmi u f'idejn il-konvenut Spiteri, biex dan jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond lid-Dipartiment tal-Housing "on vacation"; u peress li b'sentenza tad-29 ta' Diċembru 1960 il-Bord li Jirregola l-Kera, in vista tal-imsemmija Requisition Order, iddikjara ruħu nkompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talba attriċi. liema sentenza ġiet mill-attriċi appellata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell; u peress li quddiem din l-aħ-

ħar Qorti msemmija l-attriċi ssollevat formalment in-nullità tal-imsemmija Requisition Order, fost raġunijiet oħra, għax maħruġa bl-iskop, kif dikjarat mill-uffiċjal addett għall-Housing Department matul il-kawża quddiem il-Bord, biex il-konvenut Spiteri, azzjonat biex jiżgombra mill-fond fuq imsemmi mħabba morożità fil-ħlas tal-kera, jibqa' jokkupa l-istess fond non ostante dawk l-istess proċeduri, u għax intiża biex tgħatti żball tal-istess Dipartiment, u kwindi biex tassikurah kontra l-kolpa tiegħu stess, b'mod li mill-ammissjoni tal-istess Dipartiment jirriżulta li r-Requisition Order hija destinata biex ma jkollhiex l-effett tagħha, u hija biss intiża biex tostakola l-proċeduri inizjati mill-attriċi quddiem il-Bord tal-Kera, kif jiġi okkorrendo dikjarat; u peress li b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Marzu 1961 l-Onorabbli Qorti tal-Appell qatgħet illi l-kwistjoni tal-validità o meno tal-imsemmija Requisition Order jista' jkollha influwenza deċiżiva fuq il-meritu tal-każ, u għalhekk ipprefiġġiet lill-attriċi żmien ħmistax il-ġurnata sabiex tesperixxi, jekk jidhrilha, l-azzjoni opportuna quddiem it-tribunal kompetenti għall-iskop fuq indikat — dak li l-attriċi qegħdha tagħmel f'din l-istanza odjerna; talbet li għar-raġunijiet premessi, u għal kull raġuni oħra valida li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, jiġi dikjarat u deċiż illi r-Requisition Order Nru. 16031, maħruġ fil-25 ta' Novembru 1960 fuq il-fond 133/7 Tower Road Sliema, hi nulla u inattendibbli għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jirriżulta li l-attriċi, fil-parti tad-domanda tagħha qalet li l-istess kienet qegħdha, bħala kawżali, tibbażaha "fuq ir-raġunijiet premessi" (li huma debitament esposti fil-korp tal-att taċ-ċitazzjoni) u "għal kull raġuni oħra valida li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża"; għal liema l-aħħar raġuni l-konvenut Podestà nomine qiegħed isib eċċezzjoni, li din il-Qorti hija msejħa teżamina u tiddeċidi preliminarment;

Ikkunsidrat;

Illi l-liġi "di rito" tagħna, fil-Kap. 15 tal-Edizzjoni Riveduta tal-LL. ta' Malta, fl-art. 155(1), tfisser li ċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur, u għandu jkun fiha mfisser ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Għalkemm innuqqas tal-kontenut taċ-ċitazzjoni fl-artikolu fuq imsemmi ma huwiex kolpit bin-nullità espressa, eppure fl-art. 792(c) tal-istess Kodiċi fuq imsemmi jingħad, dwar l-eċċezzjonijiet ta' nullità ta' atti ġudizzjarji, li l-att ikun null jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm il-darba din il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistgħax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat; b'mod illi, jekk il-kliem kwerelati addotti bħala "causa petendi" mill-attriċi ma jistgħux jissewwew u huma ta' preġudizzju lill-konvenut nomine eċċipjenti, għandhom jiġu annullati;

Illi fl-art. 175 tal-Kodiċi fuq imsemmi hemm maħsuba l-poteri tal-Qorti lilha mogħtija sabiex tordna jew tagħti l-permess li jsir tibdil fl-iskritturi tal-Qorti; imma din issetgħa tal-Qorti hija ċirkoskritta għal dawk l-emendamenti li ma jaffettawx is-sustanza tant tal-azzjoni kemm taleċċezzjoni; u fil-każ in diżamina, jekk il-kliem lamentat bħala "causa petendi" huma ta' preġudizzju għall-eċċipjenti, u ma jistgħax ikun hemm ebda ombra ta' dubju li l-emendament tagħhom ikun jimporta mutament sostanzjali tat-talba attriċi għal dak li jirrigwardahom, l-istess huma nulli;

Ikkunsidrat;

Illi, premess dan li fuq intqal, huwa dmir din il-Qorti tgħaddi biex teżamina fid-dawl tal-liġi l-kliem kwerelati fis-sustanza tagħhom;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti dawk l-istess kliem u l-portata legali tagħhom huma tali li jimpurtaw kawżali dubbjuża, avventata u xejn affattu ċara u ċerta, kif trid il-liġi li tkun il-kawżali tal-att inizjatorju tal-proċess; u huma per sè nulli, u mhux ta' min jieħu ebda konsiderazzjoni tagħhom. Infatti, jistgħu jimpurtaw illi, jekk l-ewwel kawżali apposta mill-attriċi ma tiġix pruvata, u tiġi

pruvata raġuni oħra li tista' tidħol taħt dawk l-istess kliem kwerelati, dik l-istess diċitura, ċ-ċitazzjoni għandha sseħħ, bil-konsegwenza assurda li l-attriċi tkun tista' tissostitwixxi l-kawżali ċara u ċerta b'kawżali oħra, li l-konvenut meta jirċievi n-notifika tal-att taċ-ċitazzjoni ma jkun jaf xejn biha, u meta jiġi biex jippreżenta l-atti defensjonali tiegħu ma jkunx jista' jilqagħha la fid-dritt u lanqas fil-fatt — dak li huwa ndubbjament inċivili. Infatti, kif jista' l-konvenut ikun jaf fatti u raġunijiet legali li l-istess attur, li fl-introduzzjoni tal-ġudizzju huwa obligat b'liġi li jġib a konoxxenza tal-konvenut, lanqas jaf, jew juri li ma jafx biċ-ċertezza? Ċitazzjoni simili ma tistgħax tiġi sostnuta b'fondament li jista' jingħad li huwa konformi għall-preskrizzjonijiet voluti mill-liġi (ara Carrè, Proċedura Civile Francese, Della Citazione, para. 312, Libro II, Parte II, paġ. 517, colonna 1ma. in fine u colonna 2da. in capo, Edizione Napoli Stabilimento Capasso, 1853);

Illi f'każ analoġiku l-Qorti Superjuri Tagħna ddeċidiet li l-kliem "fuq raġunijiet oħra validi fil-liġi" fl-att taċ-ċitazzjoni ma humiex kawżali ċara u ċerta, u ma għandhomx jiġu meħuda in konsiderazzjoni (ara Appell 18 ta' Novembru 1933, in re "Bonaci vs. Wismayer", inedita);

Illi kwindi dik il-kawżali hija nulla, u l-istess ma għandiex tiġi meħuda in konsiderazzjoni;

Illi jingħad, però, li l-ġudizzju odjern jibqa' validu in kwantu għall-kawżali li tippreċedi l-kliem fuq imsemmi, li hija regolari skond ma trid il-liġi;

Għalhekk;

Tiddikjara nulla l-kawżali kwerelata, li ma għandhiex tiġi kalkulata; bl-ispejjeż tal-inċident għall-attriċi. Salv li l-kawża titkompla dwar il-kawżali l-oħra.